MALTA

# QORTI TA' L-APPELL KRIMINALI

**ONOR. IMHALLEF**
**DAVID SCICLUNA**

Seduta tas-6 ta' Frar, 2013

Appell Kriminali Numru. 57/2011

**Il-Pulizija**

**v.**

**Eugenio Gaffarena**

**Il-Qorti:**

**1.** Rat l-imputazzjonijiet miġjuba mill-Pulizija Eżekuttiva kontra Eugenio Gaffarena talli:

(1) f'Ġunju 2008 f'dawn il-Gżejjer, b'diversi atti magħmulin fi żminijiet differenti, iżda li jiksru l-istess disposizzjonijiet tal-liġi u li ġew magħmula b'riżoluzzjoni waħda, b'mezzi kontra l-liġi jew billi għamel użu ta' ismijiet foloz jew ta' kwalifiki foloz, jew billi nqeda b'qerq iehor, ingann, jew billi wera ħaġa b'oħra sabiex iġiegħel titwemmen l-eżistenza ta' intrapriżi foloz, jew ta' ħila, setgħa fuq ħaddieħor, jew ta' krediti immaġinarji, jew sabiex iqanqal tama jew biża'

dwar ġrajja kimerika, għamel qligħ ta' aktar minn elfejn tliet mija u disgħa u għoxrin euro u sebgħa u tletin ċenteżmu (€2,329.37), għad-dannu ta' Joseph Azzopardi ID 386443 (M), ai termini ta' l-artikoli 18, 308, 309 u 310 tal-Kodiċi Kriminali, Kap 9 tal-Liġijiet ta' Malta;

(2) fl-istess żmien, lok u ċirkostanzi ħa f'idejh funzjoni pubblika u cioe` uffiċjal tal-MEPA, mingħajr ma kellu jedd għaliha, u eżercita att ta' dik il-funzjoni, ai termini ta' l-artikolu 84 tal-Kodiċi Kriminali, Kap 9 tal-Liġijiet ta' Malta;

(3) sar recidiv b'diversi sentenzi mogħtija mill-Qorti tal-Maġistrati (Malta) liema sentenzi huma definittivi u ma jistgħux jiġu mibdula, ai termini ta' l-artikolu 49 u 50 tal-Kodiċi Kriminali, Kap 9 tal-Liġijiet ta' Malta.

Il-Qorti ġiet mitluba sabiex barra milli tapplika l-piena skond il-liġi, tordna lill-imsemmi Eugenio Gaffarena sabiex iħallas l-ispejjeż li għandhom x'jaqsmu mal-ħatra tal-esperti, ai termini tal-artikolu 533 tal-Kodiċi Kriminali, Kap. 9 tal-Liġijiet ta' Malta;

**2.** Rat is-sentenza tal-Qorti tal-Maġistrati (Malta) bħala Qorti ta' Ġudikatura Kriminali tal-31 ta' Jannar 2011 li permezz tagħha dik il-Qorti, wara li rat l-artikoli 17, 18, 49, 50, 84, 308, 309, 310(1) (a) u 533 tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta sabet lill-imsemmi Eugenio Gaffarena ħati tal-imputazzjonijiet miġjuba kontra tiegħu u kkundannatu għall-piena komplessiva ta' dsatax-il (19) xahar priġunerija. Inoltre, il-Qorti, bl-applikazzjoni tal-artikolu 533 tal-Kap. 9 tal-Liġijiet ta' Malta ordnat lill-istess Eugenio Gaffarena sabiex fi żmien xahar mid-data tas-sentenza jhallas lir-Reġistratur tal-Qrati s-somma ta' mitejn u sitta u sittin euro u sitta u sittin ċenteżmi ta' euro rappreżentanti spejjeż inkorsi f'din il-kawża bil-ħatra ta' l-espert Martin Bajada. Inoltre l-Qorti, bl-applikazzjoni tal-artikolu 23 tal-Kap. 9 tal-Liġijiet ta' Malta, ordnat il-konfiska tal-oġġett esebit bhala Dok. TAS 1;

**3.** Rat ir-rikors ta' appell ta' Eugenio Gaffarena ppreżentat fid-9 ta' Frar 2011 li permezz tiegħu talab li din il-Qorti tvarja s-sentenza appellata u dan billi tikkonfermaha fejn

din sabitu hati ta’ l-imputazzjonijiet dedotti u tirriformaha billi tipprovdi għal piena aktar miti u idoneja fiċ-ċirkostanzi;

**4.** Rat l-atti kollha tal-kawza; rat il-fedina penali aggornata ta’ l-appellant esebita mill-prosekuzzjoni b’ordni ta’ din il-Qorti; semghet it-trattazzjoni; ikkunsidrat:

**5.** L-aggravju ta’ l-appellant huwa dwar il-piena li jqis eċċessiva. Quddiem l-ewwel Qorti kien ħallas parti sostanzjali mill-ammont meħud b’qerq iżda ma leħaqx issalda dak kollu dovut minnu.

**6.** Issa, quddiem l-ewwel Qorti l-appellant ammetta l-imputazzjonijiet dedotti fis-seduta tal-31 ta’ Jannar 2011. Fis-sentenza tagħha l-ewwel Qorti qieset id-dikjarazzjoni li kienet saret mid-difensur ta’ l-appellant (allura imputat) li l-appellant kien diga` hallas parti sostanzjali tas-somma dovuta lill-*parte civile* Joseph Azzopardi u li hemm arranġament dwar il-bilanċ dovut. Qieset ukoll il-fedina penali “xejn feliċi” ta’ l-appellant.

**7.** Din il-Qorti ukoll eżaminat il-fedina penali ta’ l-appellant u, bħalma osservat l-ewwel Qorti, mhijiex waħda feliċi. Fl-istess ħin minnha jirriżulta, almenu *prima facie*, li, minbarra ksur kontravvenzjonali li seħħ fit-8 ta’ Awissu 2010 u li dwaru ġie kkundannat R & A, l-aħħar ksur tal-liġi kien fid-29 ta’ Settembru 2002 li dwaru b’sentenza tas-27 ta’ Frar 2003 ġie kkundannat Lm50 multa. Dan ifisser li proprjament fil-każ odjern lanqas kien applikabbli l-artikolu 50 tal-Kap. 9 tal-Liġijiet ta’ Malta, anke peress illi fl-ebda wieħed mill-każijiet anteċedenti ma kien hemm piena li tisboq il-ħames snin priġunerija. Din il-Qorti ma tistax lanqas tinjora l-fatt illi fis-seduta tas-16 ta’ Jannar 2013 quddiem din l-istess Qorti l-appellant ħallas *seduta stante* s-somma bilanċjali dovuta lil Joseph Azzopardi li ddikjara li l-appellant m’għandu xejn aktar x’iħallas u b’hekk il-kreditu tiegħu ġie sodisfatt. Din il-Qorti hi tal-fehma illi f’tali ċirkostanzi hija meħtieġa miżura li tikkostitwixxi deterrent aktar milli piena retributorja ġaladarba l-*parte civile* m’għandux aktar interess f’dawn il-proċeduri. Tattira biss l-attenzjoni ta’ l-appellant illi l-parametri tal-piena f’dan il-

każ huma minn erbatax-il xahar u għoxrin ġurnata sa massimu ta’ seba’snin u sitt xhur priġunerija.

**8.** Għal dawn il-motivi tiddeċiedi billi tirriforma s-sentenza appellata, tirrevokaha in kwantu kkundannat lill-imsemmi Eugenio Gaffarena għal dsatax-il xahar priġunerija u minflok, bl-applikazzjoni ta’ l-artikolu 22(1) tal-Kap. 446 tal-Liġijiet ta’ Malta, tilliberah bil-kondizzjoni li ma jagħmilx reat ieħor sa żmien tliet snin millum. Din il-Qorti, a tenur ta’ l-artikolu 22(3) ta’ l-istess Kap. 446, fissret lill-ħati bi kliem li jiftiehem sew li jekk huwa jagħmel xi reat ieħor matul il-perjodu ta’ liberazzjoni kondizzjonata, ikun jista’ jingħata sentenza għar-reat oriġinali. Tikkonferma s-sentenza appellata fil-bqija.

**< Sentenza Finali >**

-------------------------------TMIEM-------------------------------